



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

---

**2011/0449(COD)**

6.9.2012

## **EMENDI 20 - 42**

**Abbozz ta' rapport**  
**Anthea McIntyre**  
(PE491.149v01-00)

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm 'Pericles 2020')

Proposta għal regolament  
(COM(2011/0913) – C7-0510/2011 – 2011/0449(COD))

AM\_Com\_LegReport

**Emenda 20**  
**Antigoni Papadopoulou**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) L-Unjoni u l-Istati Membri intrabtu bl-objettiv li jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa għall-użu tal-euro bħala munita unika. Dawn il-miżuri jinkludu *il-protezzjoni* tal-euro kontra l-iffalsifikar.

*Emenda*

(1) L-Unjoni u l-Istati Membri intrabtu bl-objettiv li jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa għall-użu tal-euro bħala munita unika. Dawn il-miżuri jinkludu *l-protezzjoni* tal-euro kontra l-iffalsifikar ***u l-frodi relatata biex b'hekk tissaħħaħ l-effikaċja tal-ekonomija Ewropea u tiġi żgurata s-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi;***

Or. en

**Emenda 21**  
**Agustín Díaz de Mera García Consuegra**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt fl-2011, sabiex jiġi evalwat jekk il-programm għandux jitkompli.

*Emenda*

(5) Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt fl-2011, sabiex jiġi evalwat jekk il-programm għandux jitkompli. ***Ir-riżultat kien li għandu jiġġedded b'objettivi mtejba u metodoloġija aħjar.***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Spjegazzjoni tar-riżultat tal-valutazzjoni tal-impatt.*

**Emenda 22**  
**Anthea McIntyre**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(15) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu mħarsa permezz ta' miżuri proporzjonali tul iċ-ċiklu tal-infiq kollu kemm hu, li jinkludi l-prevenzjoni, is-sejbien u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b' mod ħażin u, fejn xieraq, sanzjonijiet.

*Emenda*

(15) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu mħarsa permezz ta' miżuri proporzjonali tul iċ-ċiklu tal-infiq kollu kemm hu, li jinkludi l-prevenzjoni, is-sejbien u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b' mod ħażin u, fejn xieraq, sanzjonijiet ***amministrattivi u finanzjarji f'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni.***

Or. en

**Emenda 23**  
**Agustín Díaz de Mera García Consuegra**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-programm għandu ***jikkontribwixxi biex ikun hemm iktar kooperazzjoni*** transnazzjonali ***għall-protezzjoni tal-euro fil-livell tal-Unjoni u f'dak internazzjonali u effettività ikbar ta' dawn l-operazzjonijiet*** fuq il-bażi tal-aħjar Prattiki, standards komuni u taħriġ speċjalizzat konġunt.

*Emenda*

Il-programm għandu ***jipprevedi żieda fil-kooperazzjoni*** transnazzjonali ***fl-Unjoni u lil hinn minnha, b'enfasi partikulari fuq dawk l-Istati Membri jew pajjiżi terzi li għandhom l-aktar rati għoljin ta' falsifikazzjoni tal-euro skont ir-rapporti maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti; din il-koperazzjoni għandha titwettaq*** fuq il-bażi tal-aħjar Prattiki, standards komuni u taħriġ speċjalizzat konġunt.

Or. es

**Emenda 24**  
**Antigoni Papadopoulou**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-objettiv speċifiku tal-programm għandu jkun li jipproteġi l-karti u l-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar u l-frodi relatata, billi jappoġġja u jissupplimenta l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u jassisti l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u Ewropej fl-isforzi tagħhom sabiex jiżviluppaw bejniethom u mal-Kummissjoni Ewropea kooperazzjoni mill-qrib u regolari, inklużi wkoll pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

*Emenda*

L-objettiv speċifiku tal-programm għandu jkun li jipproteġi l-karti u l-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar u l-frodi relatata, billi jappoġġja u jissupplimenta l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u jassisti l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u Ewropej fl-isforzi tagħhom sabiex jiżviluppaw bejniethom u mal-Kummissjoni Ewropea kooperazzjoni mill-qrib u regolari **u skambju tal-aħjar prattiki**, inklużi wkoll pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Or. en

**Emenda 25**  
**Agustín Díaz de Mera García Consuegra**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-objettiv speċifiku tal-programm għandu jkun li jipproteġi l-karti u l-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar u l-frodi relatata, billi jappoġġja u jissupplimenta l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u jassisti l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u Ewropej fl-isforzi tagħhom sabiex jiżviluppaw bejniethom u mal-Kummissjoni Ewropea kooperazzjoni mill-qrib u regolari, inklużi wkoll pajjiżi terzi **u** organizzazzjonijiet internazzjonali.

*Emenda*

L-objettiv speċifiku tal-programm għandu jkun li jipproteġi l-karti u l-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar u l-frodi relatata, billi jappoġġja u jissupplimenta l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u jassisti l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u Ewropej fl-isforzi tagħhom sabiex jiżviluppaw bejniethom u mal-Kummissjoni Ewropea kooperazzjoni mill-qrib u regolari, inklużi wkoll pajjiżi terzi, **organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet privati li jkunu żviluppaw u ttestjaw għarfien tekniku u/jew tagħmir speċjalizzat fl-identifikazzjoni ta' karti u muniti foloz.**

Or. es

## *Ġustifikazzjoni*

*Għall-ewwel darba, l-entitajiet privati għandhom jitqiesu fil-Programm peress li ħafna minnhom qed jiddedikaw parti mill-baġit tagħhom biex iħarrġu u jħejju lill-impjegati tagħhom biex jidentifikaw karti u muniti foloz, u kif ukoll biex joħlqu jew jipposjedu tagħmir speċjalizzat fl-identifikazzjoni tagħhom.*

### **Emenda 26**

**Agustín Díaz de Mera García Consuegra**

#### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) uffiċjali ġudizzjarji **u** avukati speċjalizzati f'dan il-qasam;

*Emenda*

(d) uffiċjali ġudizzjarji, avukati **u membri tal-ġudikatura** speċjalizzati f'dan il-qasam;

Or. es

## *Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi inkluż l-ikbar numru ta' uffiċjali possibbli, bħala għajjnuna għall-implimentazzjoni korretta ta' dan il-programm.*

### **Emenda 27**

**Antigoni Papadopoulou**

#### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ea) ċittadini tal-UE li għandhom ikunu konxji, permezz ta' kampanji ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar l-iffalsifikar tal-euro, dwar kif jistgħu jħarsu lilhom infushom waqt il-konsum ta' kuljum tagħhom.**

Or. en

**Emenda 28**  
**Agustín Díaz de Mera García Consuegra**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ga) entitajiet privati li jkunu żviluppaw u ttestjaw għarfien tekniku jew tagħmir speċjalizzat għall-identifikazzjoni ta' karti u muniti foloz.*

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-ewwel darba, l-entitajiet privati għandhom jitqiesu fil-Programm peress li ħafna minnhom qed jiddedikaw parti mill-baġit tagħhom biex iħarrġu u jħejju lill-impjegati tagħhom biex jidentifikaw karti u muniti foloz, u kif ukoll biex joħolqu jew jipposjedu tagħmir speċjalizzat fl-identifikazzjoni tagħhom.*

**Emenda 29**  
**Antigoni Papadopoulou**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt a – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) Skambju ta' informazzjoni, partikolarment permezz tal-organizzazzjoni ta' workshops, laqgħat u seminars, apprendistati b'fokus partikolari u skambji tal-persunal tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u attivitajiet oħra simili. L-iskambju ta' informazzjoni se jkun immirat fost l-oħrajn lejn:

(a) Skambju **u disseminazzjoni** ta' informazzjoni, partikolarment permezz tal-organizzazzjoni ta' workshops, laqgħat u seminars, apprendistati b'fokus partikolari u skambji tal-persunal tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u attivitajiet oħra simili. L-iskambju ta' informazzjoni se jkun immirat fost l-oħrajn lejn:

Or. en

**Emenda 30**  
**Cornelis de Jong**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt a – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) Skambju ta' informazzjoni, **partikolarment** permezz **tal-organizzazzjoni ta' workshops, laqgħat u seminars**, apprendistati b'fokus partikolari u skambji tal-persunal tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u attivitajiet oħra simili. L-iskambju ta' informazzjoni se jkun immirat fost l-oħrajn lejn:

(a) Skambju ta' informazzjoni, permezz **ta'** apprendistati b'fokus partikolari u skambji tal-persunal tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u attivitajiet oħra simili. L-iskambju ta' informazzjoni se jkun immirat fost l-oħrajn lejn:

Or. en

**Emenda 31**

**Antigoni Papadopoulou**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt a – inċiż 7a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**- id-data teknika u statistika relevanti bbażata fuq id-database tal-BĊE dwar l-iffalsifikar;**

Or. en

**Emenda 32**

**Antigoni Papadopoulou**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt b – inċiż 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- kull miżura li tistabbilixxi riżorsi għat-tagħlim fil-livell tal-Unjoni Ewropea (ktejjeb tal-leġiżlazzjoni tal-UE, bullettini ta' informazzjoni, manwali prattiċi, glossarji u dizżjunarji, databases, b'mod *speċjal* fil-qasam ta' l-assistenza xjentifika

- kull miżura li tistabbilixxi riżorsi għat-tagħlim fil-livell tal-Unjoni Ewropea (ktejjeb tal-leġiżlazzjoni tal-UE, bullettini ta' informazzjoni, manwali prattiċi, glossarji u dizżjunarji, **reġistru ta' oġġetti simili għal muniti li jistgħu jintużaw**



u l-għassa tat-teknoloġija) jew programmi tal-kompjuter li joffru appoġġ (bħal pereżempju software);

**hazın minflok muniti tal-euro**, databases, b'mod *speċjali* fil-qasam *tal-assistenza* xjentifika u l-għassa tat-teknoloġija) jew programmi tal-kompjuter li joffru appoġġ (bħal pereżempju software);

Or. en

**Emenda 33**  
**Agustín Díaz de Mera García Consuegra**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) Għotjiet għall-iffinanzjar tax-xiri tat-tagħmir li jintuża minn awtoritajiet speċjalizzati kontra l-iffalsifikar, għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar.

*Emenda*

(c) Għotjiet għall-iffinanzjar tax-xiri tat-tagħmir li jintuża minn awtoritajiet speċjalizzati kontra l-iffalsifikar, għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar, **bi qbil mal-Artikolu 10(3)**.

Or. es

**Emenda 34**  
**Agustín Díaz de Mera García Consuegra**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Ir-rata ta' kofinanzjament għal għotjiet aġġudikati taħt il-programm ma għandhiex taqbeż it-80% tal-ispejjeż eliġibbli. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, definiti fil-programm annwali ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 11, ir-rata ta' kofinanzjament m'għandhiex taqbeż id-90% tal-ispejjeż eliġibbli.

*Emenda*

4. Ir-rata ta' kofinanzjament għal għotjiet aġġudikati taħt il-programm ma għandhiex taqbeż it-80% tal-ispejjeż eliġibbli. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, definiti fil-programm annwali ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 11, ir-rata ta' kofinanzjament m'għandhiex taqbeż id-90% tal-ispejjeż eliġibbli.

***Din iż-żieda fil-kofinanzjament hi meħtieġa biex l-Istati Membri jingħataw aktar flessibilità ekonomika fil-waqt li jkun u jistgħu jwettqu u jiffinalizzaw il-***

*proġetti ta' protezzjoni u salvagwardja tal-euro b'mod sodisfaċenti.*

Or. es

### *Ġustifikazzjoni*

*Din iż-żieda fil-kofinanzjament hi ġġustifikata għax għandu jiġi evitat li proġetti speċifiċi ma jiġux ffinalizzati minħabba nuqqas ta' flus*

**Emenda 35**  
**Anthea McIntyre**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Sabiex timplimenta l-programm il-Kummissjoni għandha tadotta programm ta' ħidma annwali. Huma għandhom jistabbilixxu l-oġettivi segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu **tal-implimentazzjoni** u l-ammont totali tagħhom. Huma għandhom jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammonti allokat i għal kull azzjoni u skeda indikattiva ta' żmien ta' **implimentazzjoni**. Għal għotjiet huma għandhom jinkludu l-prijoritajiet, il-kriterji **essenzjali** ta' valutazzjoni u r-rata massima tal-kofinanzjament.*

*Emenda*

*Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati bi qbil mal-Artikolu 11a rigward id-definizzjoni tal-programmi ta' ħidma annwali. Huma għandhom jistabbilixxu l-oġettivi segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' **eżekuzzjoni** u l-ammont totali tagħhom, **inklużi l-aġġustamenti għat-tqassim analitiku tal-baġit**. Huma għandhom jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammonti allokat i għal kull azzjoni u skeda indikattiva ta' żmien ta' **eżekuzzjoni**. Għal għotjiet huma għandhom jinkludu l-prijoritajiet, il-kriterji ta' valutazzjoni u r-rata massima tal-kofinanzjament.*

Or. en

**Emenda 36**  
**Agustín Díaz de Mera García Consuegra**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Sabiex timplimenta l-programm il-Kummissjoni għandha tadotta programm ta' ħidma annwali. Huma għandhom jistabbilixxu l-oġettivi segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu tal-implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. Huma għandhom jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammonti allokat i għal kull azzjoni u skeda indikattiva ta' żmien ta' implimentazzjoni. Għal għotjiet huma għandhom jinkludu l-prijoritajiet, il-kriterji essenzjali ta' valutazzjoni u r-rata massima tal-kofinanzjament.

*Emenda*

Sabiex timplimenta l-programm il-Kummissjoni għandha tadotta programm ta' ħidma annwali. Huma għandhom jistabbilixxu l-oġettivi segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu tal-implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. Huma għandhom jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, **il-forma ta' finanzjament tagħhom**, indikazzjoni tal-ammonti allokat i għal kull azzjoni u skeda indikattiva ta' żmien ta' implimentazzjoni. Għal għotjiet huma għandhom jinkludu l-prijoritajiet, il-kriterji essenzjali ta' valutazzjoni u r-rata massima tal-kofinanzjament.

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Biex tiġi inkluża l-forma li biha jiġu ffinanzjati l-azzjonijiet, peress li jista' jkun li ma jiġux inlużi fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. Għall-protezzjoni tal-euro m'hemmx bżonn jiġu inklużi atti delegati, peress li għandna nevitaw li jkun hemm riġidità akbar, biex tingħata aktar effikaċja u flessibilità għall-ġestjoni u t-twettiq tal-programmi.*

**Emenda 37**  
**Anthea McIntyre**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-baġit allokat għall-azzjonijiet ta' komunikazzjoni li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni taħt dan ir-Regolament għandu jkopri wkoll komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea.

*Emenda*

Il-baġit allokat għall-azzjonijiet ta' komunikazzjoni li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni taħt dan ir-Regolament għandu jkopri wkoll komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea **fil-kuntest tal-ambitu tal-Programm.**

Or. en

**Emenda 38**  
**Cornelis de Jong**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Il-baġit allokat għall-azzjonijiet ta' komunikazzjoni li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni taħt dan ir-Regolament għandu jkopri wkoll komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea.***

*Emenda*

***imħassar***

Or. en

**Emenda 39**  
**Cornelis de Jong**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-programm għandu jkun implimentat mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, permezz ta' konsultazzjonijiet fi stadji differenti tal-implimentazzjoni tal-programm, fi ħdan il-kumitat konsultattiv addattat previst fir-Regolament (KE) Nru 1338/2001, b'kunsiderazzjoni tal-miżuri rilevanti meħuda minn entitajiet kompetenti oħrajn, b'mod partikolari l-BĊE u l-Europol. Il-Kummissjoni għandha ***tfittex li*** tiżgura li jkun hemm konsistenza u ***kumplimentarjetà*** bejn dan il-programm ta' azzjoni tal-Unjoni Ewropea u programmi u attivitajiet oħrajn rilevanti

*Emenda*

1. Il-programm għandu jkun implimentat mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, permezz ta' konsultazzjonijiet fi stadji differenti tal-implimentazzjoni tal-programm, fi ħdan il-kumitat konsultattiv addattat previst fir-Regolament (KE) Nru 1338/2001, b'kunsiderazzjoni tal-miżuri rilevanti meħuda minn entitajiet kompetenti oħrajn, b'mod partikolari l-BĊE u l-Europol. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm konsistenza u ***komplementarjetà*** bejn dan il-programm ta' azzjoni tal-Unjoni Ewropea u programmi u attivitajiet oħrajn rilevanti

Or. en

**Emenda 40**  
**Anthea McIntyre**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri kollha adattati illi jiżguraw li, meta xi **attivitajiet** skont dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jitħarsu **permezz tal-applikazzjoni** ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra, **permezz ta'** verifiki effettivi u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, **permezz tal-irkupru** tal-ammonti mħallsa fejn mhux dovuti u, fejn japplika, permezz ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati **u li jservu ta' deterrent**.

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri kollha adattati illi jiżguraw li, meta xi **azzjonijiet** *iffinanzjati* skont dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jitħarsu **bl-applikazzjoni** ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra, **b'**verifiki effettivi u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, **bl-irkupru** tal-ammonti mħallsa fejn mhux dovuti u, fejn japplika, permezz ta' sanzjonijiet **amministrattivi u finanzjarji li jkun**u effettivi, proporzjonati **u dissważivi**.

Or. en

**Emenda 41**  
**Anthea McIntyre**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) huwa awtorizzat li jwettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post **fuq l-operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn finanzjament bħal dan skont il-proċeduri stabbiliti** fir-Regolament tal-Kunsill (KEEA, KE) Nru 2185/96 bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea b'rabta ma' ftehim, deċiżjoni jew kuntratt **ta' għotja li jirrigwardaw fondi tal-Unjoni**.

*Emenda*

3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) huwa awtorizzat li jwettaq **investigazzjonijiet, li jinkludu** kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, **f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u fir-Regolament tal-Kunsill (KEEA, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-**

***Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra*** bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea b'rabta ma' ftehim *ta' għotja*, deċiżjoni *ta' għotja* jew kuntratt *iffinanzjat taħt il-Programm*.

Or. en

**Emenda 42**  
**Anthea McIntyre**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Mingħajr ħsara ***għall-ewwel u t-tieni subparagrafi***, ftehimiet ta' koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizazzjonijiet internazzjonali ***u*** ftehimiet, deċiżjonijiet ***u kuntratti ta' għotja*** li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom espressament jagħtu lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF is-setgħa li jwettqu *verifiki, kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post bħal dawn*.

*Emenda*

4. Mingħajr ħsara ***għall-paragrafi 1, 2 u 3***, ftehimiet ta' koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizazzjonijiet internazzjonali, ***kuntratti***, ftehimiet ***ta' għotja u*** deċiżjonijiet ***ta' għotja*** li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ***jinkludu dispożizzjonijiet li*** espressament jagħtu lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF is-setgħa li jwettqu *awditjar u investigazzjonijiet ta' dan it-tip, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom*.

Or. en